QORTI CIVILI
(SEZZJONI TAL-FAMILJA)

IMHALLEF

Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,
Mag. Jur. (Eur. Law)

Illum 18 ta' Ottubru, 2017

Rikors Nru : 209/17AL

**AB**
**VS**
**CB**

Rat ir-rikors tar-rikorrent, li permezz tieghu ppremeta :

Illi AB U CB izzewgu nhar it-8 ta' Mejju 1998 u huma legalment separati permezz ta' kuntratt datat 16 ta' Ottubru 2001, fl-atti tan-Nutar Dr. Margaret Heywood (vide Dok A hawn anness);

Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel wiehed, li llum huwa maggorenni fl-eta' tmintax-il sena;

Illi l-AB U CB jissodisfaw il-kriterji mposti mill-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan billi:

1. ilhom separati *de facto* ghal aktar minn 4 snin u diga' ottjenew separazzjoni legali bejniethom;
2. ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal-rikonciljazzjoni bejniethom;

3. ma hemm ebda kwistjoni fuq manteniment peress illi l-partijiet kienu rrinunzjaw ghall-manteniment minghand xulxin fuq l-att ta' separazzjoni u fuq it-tifel ma hemm ebda mantneiment dovut minn xi parti.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

**(1) tordna illi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet Greengrass u Pace nhar is-16 ta' Ottubru 1998 jigi mahlul, (2) tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien iffissat minn din l-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor meqjus xieraq u opportun.**

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Lulju, 2017;

Rat illi ir-rikorrenti ikkonferma bil-gurament ir-rikors tieghu;

Rat illi l-intimata, debitament notifikata, ma dehritx ghal dawn il-proceduri u ma ipprezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-16 ta' Ottubru 2001;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur

tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.